

32002R1195

4.7.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 174/11

## IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1195/2002

tat-3 ta' Lulju 2002

**li jippreskrivi regoli dettaljati sabiex ikunu applikati l-miżuri speċifiċi dwar l-importazzjoni tat-tabakk fil- Gżejjer Kanari, li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2179/92 u li jadatta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1454/2001 dwar il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1454/2001 tat-28 ta' Ġunju 2001 li jintroduċi miżuri speċifiċi għal xi prodotti agrikoli għall-Gżejjer Kanari u jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1601/92 (Poseican) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 234/79 tal-5 ta' Frar 1979 dwar il-proċedura biex tkun aġġustata t-Tariffa Doganali Komuni użata għal prodotti agrikoli <sup>(2)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3290/94 <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1454/2001 jiddisponi għal eżenzjoni minn dazji għal importazzjonijiet diretti għol-Gżejjer Kanari ta' kwantità ta' 20,000 tunnellata metrika ta' tabakk mhux maħdum jew semi-manifatturat maħsub għall-produzzjoni lokali ta' prodotti tat-tabakk.
- (2) Biex jintlaħaq l-għan li dan l-arranġament ikun imħaddem, il-perjodu annwali għandu jkun definit sabiex tkun ikkalkolata l-kwantità massima msemmija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1454/2001 u t-terminu "produzzjoni lokali ta' prodotti tat-tabakk" għandu jkun definit. Barra minn hekk, sabiex tkun żgurata flessibilità massima għal importazzjonijiet ta' prodotti tat-tabakk magħmula fil-Gżejjer Kanari, għandu jkun permess li l-kwantità ġenerali ta' tabakk mhux raffinat bla zżuk tintuża għal importazzjoni ta' prodotti oħra, fuq il-bażi ta' ko-efċjenti ta'ekwivalenza, fid-dawl tar-rekwiżiti ta' l-industrija lokali.
- (3) Biex jintlaħaq l-għan li dan l-arranġament ikun imħaddem, fl-interess tas-sempliċità u l-uniformità amministrattiva, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 20/2002 tat-28 ta' Diċembru 2001 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' arranġamenti speċifiċi ta' provvista għar-reġjuni l-aktar imbegħda introdotti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1452/2001 <sup>(4)</sup>, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 474/2002 <sup>(5)</sup>, għandu jkun applikat kull fejn possibbli.
- (4) Fl-interess taċ-ċarezza legali, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2179/92 tat-30 ta' Lulju 1992 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-miżuri speċifiċi ta' importazzjoni għol-Gżejjer Kanari fejn għandu x'jaqsam it-tabakk <sup>(6)</sup> għandu jitħassar.

- (5) Ir-Regolament (KEE) Nru 2179/92 jiddisponi li l-kwota annwali ta' 20,000 tunnellata għandha tkun amministrata fuq il-bażi ta' perjodu mill-1 ta' Lulju ta' sena speċifika sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara. Sabiex dan ikun armonizzat ma' l-arranġamenti speċifiċi ta' provvista, il-perjodu biex tkun imħaddma l-iskema għandu jkun emendat u l-kwantità għandha tkun disponibbli fuq bażi ta' sena kalendarja. Għall-finijiet li tkun applikata l-iskema matul il-perjodu transitorju mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2002, il-kwantità massima disponibbli msemmija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1454/2001 għandha tkun 10,000 tunnellata.
- (6) Il-kodiċi NM għall-fdal tas-sigaretti ġie emendat. L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1451/2001 għandu jkun emendat skond dan.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni dwar it-Tabakk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## L-Artikolu 1

Dan ir-Regolament jippreskrivi regoli dettaljati għall-importazzjoni tat-tabakk fil-Gżejjer Kanari skond l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1454/2001.

## L-Artikolu 2

Sabiex ikun applikat dan ir-Regolament:

- il-perjodu annwali sabiex tkun kalkolata l-kwantità massima annwali għandu jkun mill-1 ta' Jannar ta' kull sena sal-31 ta' Diċembru ta' l-istess sena,
- "produzzjoni lokali ta' prodotti tat-tabakk" tfisser kull ħidma magħmula fil-Gżejjer Kanari biex ikunu proċessati l-prodotti elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament fi prodotti manifatturati lesti għat-tipjip,
- il-kwantitajiet ta' tabakk mhux maħdum jew semi-manifatturat għandhom ikunu konvertiti fi kwantitajiet ta' tabakk mhux maħdum bla zżuk fuq il-bażi tal-ko-efċjenti ta' l-ekwivalenza mogħtija fl-Anness ta' dan.

## L-Artikolu 3

L-importazzjoni ta' prodotti elenkati fl-Anness ta' dan minn issa 'il quddiem għandhom ikunu suġġetti għal preżentazzjoni ta' ċertifikat ta'eżenzjoni.

Is-Sezzjoni 20 ta' l-applikazzjonijiet għal-ċertifikati u ċertifikati għandu jkun fihom il-kliem: "prodott maħsub għal industrija li jimmanifatturaw prodotti tat-tabakk".

<sup>(1)</sup> ĠU L 198, tal-21.7.2001, p. 45.

<sup>(2)</sup> ĠU L 34, tad-9.2.1979, p. 2.

<sup>(3)</sup> ĠU L 349, tal-31.12.1994, p. 105.

<sup>(4)</sup> ĠU L 8, tal-11.1.2002, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 75, tas-16.3.2002, p. 25.

<sup>(6)</sup> ĠU L 217, tal-31.7.1992, p. 79.

Barra meta previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, l-Artikoli 2, 5, 9, 10, 11, 12, 13, 15, 25 u 26 tar-Regolament (KE) Nru 20/2002 għandhom japplikaw mutatis mutandis.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-prodotti koperti minn dan ir-Regolament jintużaw f'konformità mar-regoli rilevanti tal-Komunità, b'mod partikolari l-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jippreskrivi disposizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 444/2002 <sup>(2)</sup>.

#### L-Artikolu 4

Ir-Regolament (KEE) Nru 2179/92 jitħassar.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-3 ta' Lulju 2002.

#### L-Artikolu 5

Għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2002, il-kwantità massima ta' tabakk mhux maħdum bla zżuk ekwivalenti eżentant minn dazji skond l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1454/2001 għandha tkun 10,000 tunnellata metrika.

#### L-Artikolu 6

Fis-seba' inċiż ta' l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (KE) Nru 1454/2001 il-kodiċi "ex 2403 10 00" huwa sostitwit bil-kodiċi "ex 2403 10 90".

#### L-Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2002.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 68, tat-12.3.2002, p. 11.

## L-ANNEX

**Ko-effiċjenti ta' ekwivalenza għal prodotti eżentati minn dazji doganali għal importazzjonijiet diretti fil-Gżejjer Kanari**

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Ko-effiċjenti ta' ekwivalenza
2401 30 00	Skart tat-tabakk	0,28
2401 10	Tabakk, bla zkuk/strixxi	0,72
2401 20	Strixxi ta' tabakk	1,00
ex 2402 10 00	Sigarri mhux lesti mingħajr tgeżwir	1,05
ex 2403 10 90	Fdal tas-sigarretti (taħlitiet lesti ta' tabakk għall-produzzjoni ta' sigaretti, sigarri, <i>cheroots</i> u sigarri żgħar)	1,05
ex 2403 91 00	Tabakk omoġenizzat jew rikostitwit	1,05
ex 2403 99 90	Tabakk li espanda	1,05